RABAT

***KUNSILL LOKALI IR-RABAT***

**MINUTI tal-Laqgħa A 17**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija iltaqa` nhar**
**l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2012 fis-6.00 ta' filgħaxija**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

* Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Chairperson |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Chairperson |
| Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sna. Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A16**

1.01 Ic-Chairperson, is-Sur Paul Grech ippropona li l-minuti tal-laqgħa A16 jittieħdu bħala moqrija. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Paul Galea. Il-minuti ġew approvati. — Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A16

**2.00 Korrezzjonijiet tal-Minuti A16**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. — Korrezzjonijiet tal-Minuti A16

**3.00 Punti li joħorġu mill-Minuti A16**

3.01 3.02 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li t-tabella tal-Landrijiet twaħħlet. — Tabella tal-Landrijiet

3.02 3.03 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li dawn it-tabelli kienu għadhom ma twaħħlux peress li għad m'għandniex risposta mingħand it-Transport Malta. — Sinjali tat-traffiku fil-Fiddien



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

3.03 3.04 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li dan il-ħajt tranga. Ħajt imwaqqa

3.04 3.05 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li l-Wied tal-Marġa tnaddaf temporanjament peress li kien għadu nieżel l-ilma tax-xita. Tindif tal-Widien

3.05 3.06 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li l-bozoz li approvatilna l-Korporazzjoni Enemalta huma f'Bieb ir-Ruwa. Waħda għandha titwaħħal mal-arblu tad-dawl li jinsab ħdejn il-fabbrika tal-irħam u l-oħra mal-arblu tad-dawl ta' ħdejn il-ġibjun. Talba biex tiddawwal aktar it-Triq tal-Baħrija

3.06 3.07 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li l-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda risposta dwar din it-talba. Applikazzjoni għal bozza ġdida

3.07 5.01 Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li dan is-suġġeriment tela` għall-approvazzjoni tal-Kunsill iżda l-Kunsill ma approvaħx. Ir-raġuni kienet li l-Kunsill huwa miftuħ għal-ilmenti u s-suġġerimenti tan-nies u għaldaqstant, m'hemmx għalfejn nibgħatulhom aħna peress li jistgħu faċilment jiġu jew iċemplu fl-uffiċċini tagħna sabiex iressqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tagħhom. Suġġeriment tas-Sur George Attard

**4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv.

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Paul Galea talab sabiex l-arblu tad-dawl li jinsab f'Bieb ir-Ruwa jersaq metru l-ġewwa mit-triq qabel ma titwaħħal il-bozza miegħu. Il-Kumitat qabel. Arblu tad-dawl f'Bieb ir-Ruwa

5.02 Is-Sur Paul Galea ġibed l-attenzjoni li lil sid ir-ristorant *North Country* għadna ma tajnieħx *litter bin.* Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li dawn il-*litter bins* jinsabu ordnati u kif jaslulna, ser intuħ wieħed. *Litter Bin* lir-ristorant *North Country*

5.03 Is-Sur Paul Galea talab li jsir *patching* fit-triq tas-Sirena, fin-nizla tal-Madonna peress li t-triq tinsab diżastruża. — Patching f'Tas-Sirena

*Ic-Chairperson* is-Sur Paul Grech issugerixa li tingabar stima qabel ma jsir ix-xogħol. Il-Kumitat qabel.

Is-Sur Paul Galea talab li jkun preżenti jekk tkun ser issir *on-site visit* mal-perit tal-Kunsill.

5.04 Is-Sur Paul Galea talab li titranġa t-triq ta' ħdejn il-ġiebja tas-Sirena. Huwa saħaq li ħdax -il jarda konkos għandhom ikunu biżżejjed biex tissewwa din it-triq. Huwa tkellem mal-bdiewa, fejn offrew li jwittu l-konkos huma stess. — Tranġar ta' trejqa bil-konkos f'Tas-Sirena

Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li din it-triq hija waħda mit-toroq li l-Kunsill applika biex issir taħt Miżura 125.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat il-laqgħa li din il-miżura għad trid tiġi approvata mill-Bord tal-Fondazzjoni Majjistral. Hija saħqet li jekk kemm il-darba din it-triq tiġi approvata li ssir, il-fondi għaliha jintilfu jekk tkun diġà saret bil-konkos.

Il-Kumitat qabel li din it-triq għandha ssir b'mod immedjat minnflok joqogħod jistenna d-deċiżjoni tal-Bord peress li l-biewa ma jistgħux jaċċessaw l-għelieqi tagħhom.

5.05 Is-Sur Paul Galea talab li ssir mera fi Triq iċ-Ċens l-Iswed kantuniera ma' Wied Rini peress li l-mera li kien hemm qabel inkissret. Il-Kumitat qabel. — Mera mkissra fi Triq iċ-Ċens l-Iswed

5.06 Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea talbet biex tinbidel mera li tinsab imkissra wkoll f'Bieb ir-Ruwa qabel il-fabbrika tal-irħam. Il-Kumitat qabel. — Mera mkissra f'Bieb ir-Ruwa

5.07 Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-fabbrika tal-irħam peress li reġa` qed ikun l-irħam mal-ġenb tat- — Irħam f'Bieb ir-Ruwa

triq fejn qed joħloq periklu kbir għas-sewwieqa

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġbet li hi kienet diġà tkellmet mal-pulizija, fejn dawn minn naħa tagħhom kienu kellmu lil sid din il-fabbrika u għal xi żmien kien daħħal dan l-irħam ġewwa. Issa ser terga` tavviċina lill-pulizija sabiex jerġgħu ikellmuh.

5.08 Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea reġgħet ġibdet l-attenzjoni li *roundabout* f'salib it-toroq fit-triq tal-Baħrija mat-triq li tagħti għall-Imtaħleb għadha ma saritx. *Traffic Management* fil-Fiddien

Is-Sur Paul Grech saħaq li l-Kunsill diġà ssottometta applikazzjoni mat-TM iżda sa issa għad m'għandux risposta.

5.09 Is-Sur Anġlu Portelli talab li x-xogħol ta' manutenzjoni li kien sar mill-ħaddiema tal-gvern wara l-maltempata ta' Novembru 2011 f'Fomm ir-Riħ, jiġi rranġat peress li ma sarx b'mod sodisfaċenti. Trangar ta' triq f'Fomm ir-Riħ

Is-Segretarju Ezekuttiv wieġbet li ser titlob li tinġabar stima għal dan ix-xogħol.

5.10 Is-Sur Anġlu Protelli saħaq li wara li sar l-*extensive patching* f'Misraħ Patri Martin, żdied is-sewqan eċċessiv, kif ukoll l-ipparrkjar bl-addoċċ. Huwa saħaq dwar l-importanza li jsiru s-sinjali tat-traffiku sabiex jiġi organizzat il-parkeġġ. Sinjali tat-traffiku f'Misraħ il-Parroċċa

Is-Sur Paul Galea filwaqt li qabel mal-proposta tas-Sur Porelli, saħaq li jekk jiġi organizzat il-parkeġġ fil-Misraħ, tiżdied il-problema peress li jsir aktar parkeġġ qalb ir-residenzi.

Is-Sur Paul Grech ippropona li nitolbu lill-perit tal-Kunsill jagħmel *traffic management plan* ħalli nkunu nistgħu napplikaw mat-Transport Malta. Il-Kumitat qabel.

5.11 Is-Sur Anġlu Portelli ġibed l-attenzjoni li waqt il-ħin tad-dħul u l-ħruġ mill- Immaniġġjar aħjar tat-traffiku fil-ħin tad-dħul

iskola, qed ikun hemm geġwiġija sħiħa, b'mod speċjali minn naħa ta' Triq Raddet ir-Roti peress li t-triq hija dejqa u għaldaqstant il-karozzi mhux qed ikunu jistgħu idawwru. u l-ħruġ tat-tfal mill-iskola

Is-Sur Paul Grech informa l-laqgħa li din it-triq ma tistax titwessa peress li din it-triq hija tal-privat.

Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea saħqet li għandu jkun hemm aktar infurzar minn naħa tal-gwardjan lokali.

Is-Sur Anġlu Portelli saħaq li l-Gvern għandu jintervjeni sabiex titwessa t-triq għax m'hemmx fejn idawwru l-karozzi. Għaldaqstant, huwa ppropona li għandna nitolbu lill-awtoritajiet ikkonċernati sabiex tkun tista' titwessa t-triq.

Is-Sur Paul Grech ippropona li nkellmu lill-*Authorised Officer* biex il-gwardjan lokali ma jħallix karozzi jidħlu fi Triq l-Iskola u ma jħalliex karozzi jipparkjawx fil-kantunera ta' Triq Raddet ir-Roti.

Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea ppproponiet li qabel nitolbu lill-awtoritajiet ikkonċernati sabiex titwessa t-triq, għandhom isiru s-sinjali tat-traffiku sabiex ma jipparkjawx karozzi fi Triq Raddet ir-Roti u fi Triq l-Iskola waqt il-ħin tad-dħul u l-ħruġ mill-iskola. Il-Kumitat approva.

6.00 Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea irringrazzjat lill-membri tal-Kunsill u tal-Kumitat Amministrattiv tal-kondoljanzi li bagħtu lill-familja tagħha wara l-mewt tal-papa' tagħha. Ringrazzjament mis-Sna. Joan Ann Farrugia Galea

**Sospensjoni tar-Regolamenti**

Fis-6.45 p.m. is-Segretarju Ezekuttiv talbet li l-laqgħa tiġi sospiża sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti spjega tal-*Management Accounts* għas-sena 2011 u tal-Budget għas-sena 2012.

Il-laqgħa tkompliet fis-7.15 p.m.

## 6.00 *Management Accounts* għas-sena 2011

6.01 Is-Sna. Joan Ann Farrugia Galea pproponiet li dawn l-*accounts* joħduhom magħhom sabiex ikunu jistgħu jevalwawhom qabel ma jiġu approvati. Il-Kumitat qabel.

Management Accounts għas-sena 2011

## 7.00 Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2012

7.01 Is-Sna. Orietta Masini Cardona infurmat il-laqgħa li l-allokazzjoni tal-Kunsill għas-sena 2012 tnaqqset b'5,500 Ewro wara li l-Gvern kellu jieħu xi miżuri biex inaqqas mill-ispiża tiegħu. Iżda s'issa l-figura tal-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija kienet għadha ma ġietx riveduta. Għaldaqstant l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2012 hija ta' €228,056

Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2012

## 6.00 Aġġornament

6.01 L-aġenda ġiet eżawrita u l-laqgħa ntemmet fit-8.00 p.m. Sar aġġornament għal nhar l-Erbgħa 2 ta' Mejju 2012 fis-6.00 p.m.

Aġġornament

| | |
|---|---|
| Paul Grech | Orietta Masini Cardona |
| **Paul Grech** | **Orietta Masini Cardona** |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |